Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 17,027, 22 ta' Diċembru, 2000
Taqsima B

A.L. 271 ta' l-2000

ATT DWAR TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD
(KAP. 406)

Regolamenti ta' l-2000 li jissostitwixxu t-Taqsima D tal-Ħmistax-il Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 57 u 75 ta' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu Fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2000 li jissostitwixxu t-Taqsima D tal-Ħmistax-il Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, liema Ħmistax-il Skeda qegħda hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti tissejjaħ "l-Iskeda". A.L. 30 ta' l-1999.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 2001.

Jissostitwixxi t-Taqsima D ta' l-Iskeda.

2. Minflok it-Taqsima D ta' l-Iskeda għandu jidħol dan li ġej:

"Taqsima D

Artikolu 57 (2) (a)

Aġenti ta' l-Ivvjaġġar

Tifsir

1. F'din it-Taqsima, "aġent ta' l-ivvjaġġar" għadha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 2 ta' l-Att dwar Servizz ta' l-Ivvjaġġar u tat-Turiżmu għal Malta (Kap. 409), jew f'xi Att ieħor li jissostitwih, u għandha tinkludi operatur ta' vjaġġi: iżda meta tirreferi għal persuna stabbilita barra minn Malta, din it-tifsira għadha tiftiehem daqslikieku r-referenza għal liċenzja kienet imħollija barra.

Applikazzjoni

2. Id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima għandhom japplikaw għall-operat ta' aġenti ta' l-ivvjaġġar, meta l-aġent ta' l-ivvjaġġar jaġixxi max-xerrej f'ismu stess u juża l-provvisti u servizzi ta' persuna oħra fil-provvista ta' faċilitajiet għall-ivjaġġar:

Iżda din it-Taqsima ma għandhiex tapplika għal aġent ta' l-ivvjaġġar li jkun qiegħed jaġixxi bħala intermedjarju u jkun qiegħed sempliċement iħallas lura spejjeż lil persuna oħra għan-nom u in akkont ta' dik il-persuna li tkun ser tivvjaġġa.

Is-servizzi provduti għandhom jitqiesu li jkunu saru fi transazzjoni waħda

3. Kull transazzjoni magħmula minn aġent ta' l-ivvjaġġar għall-benefiċċju ta' persuna li tkun ser tivvjaġġja li jkollha x'taqsam ma' dak il-vjaġġ għandha titqies bħala provvista waħda ta' servizzi provduti minnu lil dik il-persuna.

Lok ta' provvista

4. Il-lok ta' provvista ta' aġent ta' l-ivvjaġġar għandu jitqies li jkun il-lok fejn dak l-aġent ikun stabbilit.

Valur taxxabbli

5. Il-valur taxxabbli ta' provvisti li għalihom tirreferi l-partita 3 ta' din it-Taqsima magħmula minn aġent ta' l-ivvjaġġar għandu jkun id-differenza bejn in-nefqa, inkluża t-taxxa fuq il-valur miżjud, ta' l-aġent ta' l-ivvjaġġar għall-akkwist ta' dawk il-provvisti u l-prezz totali, esklużа t-taxxa fuq il-valur miżjud, imħallas mill-persuna li tkun ser tivvjaġġa, meta il-provvisti jkunu għall-benefiċċju dirett ta' dik il-persuna li tkun ser tivvjaġġa:

Iżda meta provvista magħmula lil aġent ta' l-ivvjaġġar tkun meħtieġa skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att li tkun appoġġata minn fattura ta' taxxa, għandu jittieħed kont biss tan-nefqa ta' dik il-provvista għall-għanijiet ta' din il-partita, jekk l-aġent ta' l-ivvjaġġar ikollu f'idejh dik il-fattura ta' taxxa.

Input tax

6. It-taxxa fuq il-valur miżjud imħallsa minn aġent ta' l-ivvjaġġar lil persuni reġistrati oħra fuq provvisti magħmula minn dawk il-persuni reġistrati lil dak l-aġent ta' l-ivvjaġġar għall-benefiċċju dirett tal-persuna li tkun ser tivvjaġġa ma għandhiex tkun eliġibbli li titnaqqas jew titħallas lura.

Setgħat tal-Kummissarju

7. Il-Kummissarju jista' jagħti dawk id-direttivi lil, u jeħtieġ dak it-tagħrif mingħand aġent ta' l-ivvjaġġar hekk kif jista' jqis li jkun meħtieġ sabiex tkun tista' titħaddem sew din it-Taqsima.

Dokumentazzjoni

8. Aġent ta' l-ivvjaġġar għandu jżomm, b'żieda ma' kull dokumentazzjoni meħtieġa skond id-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Att, dik id-dokumentazzjoni oħra li tkun meħtieġa ħekk li jkun jista' jiġi aċċertat l-ammont ta' taxxa li għandu jitħallas taħt din it-Taqsima.".